**_Kunsill Lokali Marsaskala_**
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa b'Urġenza Numru 29**

**Il-Ħamis 7 ta' Ottubru 2021.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixird tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Errol Cutajar - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Ryan Portelli- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

29.1 ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċieva l-ittri t'apoloġiji mingħand il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli u l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri.

29.5 **Rapporti:**

29.5.1 **KLM 2021/02R Upgrading and embellishment works in St'Anne's Garden Marsaskala using an environmentally friendly measures (Re-issue):**

| Offer ID | Economic Operator | Offer Amount |
|---|---|---|
| 161201 | Delta Projects | €88,545.00 |
| 161188 | Derek Garden Centre | €46,651.50 |
| 161055 | Bava Holdings Ltd | €80,385.00 |

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dan it-*tender* huwa *re issue* għaliex l-ewwel tender li nħareġ, l-offerenti kollha kienu *technically non compliant*. Huwa kompla jispjega li dan it-tender għandu jiġi implimentant sa Diċembru pero` ser tintalab estensjoni għaliex ma hemmx biżżejjed żmien.

Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jispjega illi kien hemm tlett offerenti u li l-bord għamel l-evalwazjoni tiegħu u rrakmonda li tingħata lil Bava Holdings Ltd peress illi ż-żewġ offerenti l-oħra kienu *technically non compliant*. Huwa kompla jispjega illi l-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli talab illi jitresqu dawn il-kummenti tiegħu peress li ma setgħax jkun preżenti għal din il-laqgħa. Huwa qal li l-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli staqsa fuq it-*technical criteria* tal-*programm of works* u l-*work plan* għaliex fl-opinjoni tiegħu dawn kellhom jiġu aċċettati.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi għalkemm dawn iż-żewġ dokumenti kellhom jgħamlu *cross reference*, pero` fir-rigward tal-*work plan* kellhom miktub ċar kemm fl-epps u kemm it-tender document illi mal-*work plan* riedu jissottomettu kif ukoll *description of works* separatament. Huwa kompla jispjega illi kemm l-offerent Delta Projects u kemm Derek garden centre id-*description of works* ma issottomettuwiex u din taqa taħt *note 3* illi *rectification* ma jistawx jsiru u għaldaqstant b'hekk ġew *technically non compliant*.

Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jaqra l-komunikat min-naħa tal-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli fejn qal illi jekk fis-sistema ta-epps kienet indikata ċara xkien qed jintalab mill-offerenti fuq il-*programm of works* u l-*works plan* allura huwa jaqbel mad-deċiżjoni tal-bord t'evalwazzjoni. Huwa spjega l-*evaluation report*.

Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud staqsiet jekk l-offerenti jaqawx fl-*estimated budget*.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi iż-żewġ offerenti li ġew *technically non compliant* wieħed kien inqas mill-*estimated budget* u l-ieħor kien ftit iktar, iżda l-offerent li qed jirrakomanda il-bord jaqa taħt l-*estimated budget*.

Is-Sindku qal illi dan il-proġett ser jiġi iffinanzjat mill-Gal Xlokk.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi l-ammont iffinazjat huwa ta €47175.46

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv jispjega fuq xiex jikkonsisti dan it-tender ħalli inserħu ras ir-residenti illi mhux ser jinqalu siġar kif kien hemm għajdud meta inbena il-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi ser jkun hemm tħawwil ta' siġar, *fencing* u bankijiet.

Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud qalet li biex ħarġet it-tenderr bilfors li għadderixxejna mal-Green Public Procurement.

Is-Sindku qal li hemm bżonn li nħadmu il-funtana.

Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud staqsiet jekk fil-board kienx hemm persuni tekniċi.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-board tal-evalwazzjoni huwa kompost mill-Accountant tal-Kunsill li għandha esperjenzi f'boards ta' evalwazzjoni oħra, minn Perit illi xogħolha huwa propju fuq *tenders* u persuna oħra illi li appartati kien ekx Segretarju Eżekuttiv ta Kunsill Lokali, huwa anke jifforma parti f'diversi boards t'evalwazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Huwa kompla jispjega illi -Sinjura Lucille Bonnici u hu jiffurmaw ukoll parti mill-bord t'evalwazzjoni bħala Segretarja tal-bord u Chairman li nkunu bla vot u mingħajr influwenza fuq il-membri tal-board. Huwa qal li huwa importanti li l-ebda Kunsillier ma jkun parti mill-bord bħala jkun hemm trasparenza assoluta.

Il-Kunsill għadda għal vot u qabel li din l-offerta tingħata lil Bava Holdings Ltd għas-somma ta' €80,385.00. il-vot kien 5 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

29.7 **Korrispondenza:**

29.7.1 **Ingaġġ ta' Librara:**

Is-Sindku spjega li kien hemm tlieta kandidati eleġibli għal librara u li kienu mgħażula għal-interviews minn bord kompost mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud, il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri u hu. Huwa kompla jispjega illi minn dawn it-tlieta ġiet biss persuna waħda għal-interview li hija is-Sinjura Buttigieg li għandha il-kwalifiki neċċessarji. Huwa kompla jispjega illi hija talbet illi jekk tkun mgħażulha taħdem siegħa. Il-ħinijiet li ser tkun miftuħa il-librerija huwa hekk kif ġej ġalli jingħata servizz aħjar lir-redienti:

It-Tnjen 3 siegħat wara nofs in-nhar
It-Tlieta 2 siegħat wara nofs in-nhar
L-Erbgħa tkun mgħaluqa
Il-Ħamis 3 siegħat wara nofs in-nhar
Il-Ġimgħa 2 siegħat wara nofs in-nhar
Is-Sibt 3 siegħat filgħodu

Il-Kunsill qabel unanimament illi tiġi ingaġġata bħala librara is-Sinjura Buttigieg u għandha issir tabella tal-ħijiet mal-bieb.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega illi nhar is-Sibt hemm il-votazzjoni tal-Assoċċazzjoni tal-Kunsilli Lokali, il-votazzjoni ser issir bejn it-8.00am u l-11.00am u il-Kunsill ser jkun mgħaluq ħlief biss għal votazzjoni. Huwa komplaj jispjega illi ħadd mill-Kunsilliera ma jista jibqa ġol Kunsill u l-Kunsilliera għandhom jivvutaw u joħorġu.

Is-Sindku talab biex il-Ġimgħa 17 ta'Diċembru l-Kunsilliera jħalluha disponnbili filgħaxija.

21.10 **Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss:**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tlieta 19 ta' Diċembru 2021 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 7 ta' Ottubru 2021.

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| _______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Marsaskala – Laqgħa Numru 29- is-Seba Leġislatura.**